MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 265/2006

**Touring Mediterranneo Ltd**

**Vs**

**EBN (Ebiz Network Solutions) Ltd**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Marzu, 2006 fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha thallasha s-somma ta' hames mija u sitta u tmenin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm586.53) rapprezentanti prezz ta' software cuttings u maintenance debitament konsenjati lis-socjeta` konvenuta.

Ra illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba tas-socjeta` attrici.

Sema' lil Dr Louis Bianchi jixhed bil-gurament tieghu li kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma mitluba ta' hames mija u sitta u tmenin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm586.53) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz bl-ispejjez a ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------